

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0210(BUD)

13520/1/25
REV 1 (be,cs,da,de,el,es,et,fi,fr,ga,hr,hu,it,lt,
lv,mt,nl,pl,pt,ro,sk,sl,sv)

FIN 1150

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 851 final
Suġġett:	ITTRA EMENDATORJA Nru 1 GĦALL-ABBOZZ TA' BAĠIT ĠENERALI 2026 Aġġustamenti fl-approprijazzjonijiet ta' pagament Ftehimiet stmati aġġornati għan-nefqa agrikola Aġġustamenti u aġġornamenti tekniċi oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 851 final.

Mehmuż: COM(2025) 851 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2025
COM(2025) 851 final

2025/0210 (BUD)

ITTRA EMENDATORJA Nru 1 GĦALL-ABBOZZ TA' BAĠIT ĠENERALI 2026

**Aġġustamenti fl-appropriazzjonijiet ta' pagament
Ħtiġijiet stmati aġġornati għan-nefqa agrikola
Aġġustamenti u aġġornamenti tekniċi oħra**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)², u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,
- l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2026, kif adottat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Lulju 2025³,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Ittra Emendatorja Nru 1 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2026 għar-raġunijiet stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport ġenerali tan-nefqa u tad-dħul kif ukoll fir-rapporti tad-dħul u tan-nefqa skont it-taqsimha huma disponibbli fuq EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija meħmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj>.

² ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>.

³ COM(2025) 300 final, 9.7.2025.

1. INTRODUZZJONI

L-Ittra Emendatorja Nru 1 (AL 1/2026) għall-abbozz ta' baġit għas-sena 2026 (AB 2026) tkopri l-elementi li ġejjin, bħala riżultat ta' informazzjoni ġdida disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509:

- Aġġustament tal-appropriazzjonijiet ta' pagament biex jirrifletti l-impatt baġitarju nett stmat fl-2026 tal-leġislazzjoni adottata relatata mar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni;
- Aġġornament tal-ħtiġijiet għal-linja ta' interess ta' NextGenerationEU;
- Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati, id-dħul assenjat u l-appropriazzjonijiet għan-nefqa agrikola. Minbarra l-fatturi tas-suq li qed jinbidlu, l-IE 1/2026 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċizzjonijiet fis-settur agrikolu mill-adozzjoni tal-AB 2026 f'Lulju 2025, kif ukoll proposti oħra li mistennija jkollhom effett sinifikanti matul l-2026;
- Aġġornament tad-diviżjoni bejn il-linji ta' riżerva u l-linji operazzjonali għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs), filwaqt li jitqiesu l-protokoll li għodda mal-Kosta tal-Avorju, ma' São Tomé u Príncipe u mal-Gżejjer Cook;
- Aġġustament tal-għadd ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) wara delega ta' kompiti addizzjonali skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika⁴;
- It-tisħiħ tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għal-linja tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) biex tiġi appoġġata l-bidla għall-euro tal-Bulgarija;
- Aġġustament tan-nomenklatura baġitarja relatata mal-possibbiltà li jiġu ttrasferiti riżorsi mill-Fond Soċjali għall-Klima (SCF) għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA);
- Aġġustamenti tal-kontribuzzjoni tal-UE ta' diversi aġenziji deċentralizzati, kif ġej:
 - Tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) biex jiġi rifless il-ftehim proviżorju fin-negozjati dwar il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija. L-ammonti addizzjonali huma proposti li jiġu kkompensati bi tnaqqis ekwivalenti tal-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE);
 - Tnaqqis tar-riżerva għar-Regolament dwar l-attribuzzjoni mill-ġdid tal-kompiti għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Direttivi ambjentali u konvenzjonijiet internazzjonali (ECHA-ENV), minħabba l-impatt finanzjarju rivedut wara dewmien fin-negozjati leġislattivi. L-appropriazzjonijiet korrispondenti se jiġu rritornati lill-programm LIFE;
 - Żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) biex tiġi żgurata l-funzjonalità sħiħa tas-soluzzjoni l-ġdida tal-IT kif ukoll biex tittejjeb iċ-ċibersigurtà fl-Aġenzija. Iż-żieda hija proposta li tiġi kkompensata bi tnaqqis ekwivalenti tal-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI).

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-IE 1/2026 fuq in-nefqa fl-AB 2026 huwa tnaqqis ta' EUR 386,1 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 1 888,8 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj>

(F' miljuni ta' EUR)

Programm	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)	0,0	-1 300,0
Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)	0,0	-100,0
Linja tal-imgħax tal-EURI	-51,0	-51,0
Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	-335,1	-440,1
Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs)	0,0	0,0
Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM)	0,0	2,3
Aġġustamenti għal xi aġenziji deċentralizzati	0,0	0,0
Korrezzjonijiet tekniċi	0,0	0,0
Total	-386,1	-1 888,8

Aktar informazzjoni dwar kull komponent hija pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-linji baġitarji rilevanti huma dettaljati fl-anness baġitarju, flimkien mal-aġġornament tad-dħul li jirriżulta mill-bidliet fin-nefqa inklużi f'din l-ittra emendatorja.

2. AĠĠUSTAMENT TAL-APPROPRJAZZJONIJET TA' PAGAMENT B'RABTA MAR-RIEŻAMI TA' NOFS IT-TERMINU TAL-KOEŻJONI

Fit-18 ta' Settembru 2025, ġew adottati r-Regolament (UE) 2025/1914 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu u r-Regolament (UE) 2025/1913 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1057 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE+) fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi⁵.

Dawn ir-Regolamenti jimmodifikaw il-livell ta' inċentivi finanzjarji offriti lill-Istati Membri biex jaġġustaw il-programmi tagħhom matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Koeżjoni, meta mqabbel mal-proposti inizjali tal-Kummissjoni. Dan jikkonċerna b'mod partikolari r-rati ta' prefinanzjament u ta' kofinanzjament, kif ukoll bidliet fil-limiti li jiskattaw dawn l-inċentivi finanzjarji. B'riżultat ta' dan, l-impatt baġitarju nett fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2026 huwa stmat għal EUR 2,7 biljun. Dan huwa tnaqqis ta' EUR 1,4 biljun meta mqabbel mal-impatt baġitarju stmat ta' EUR 4,1 biljun tal-proposta tal-Kummissjoni, oriġinarjament inkluż fl-AB 2026.

B'mod parallel, il-Kummissjoni rċeviet il-previżjonijiet aġġornati tal-Istati Membri għall-2026 għall-koeżjoni fl-aħħar ta' Lulju. Dawn ikkonfermaw is-suppożizzjonijiet ġenerali użati mill-Kummissjoni għall-ħtiġijiet ta' pagament stmati għall-Intestatura 2a (Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali) fl-AB 2026, u li rriżultaw f'żieda ta' 79,5 % fil-livell ġenerali tal-appropriazzjonijiet ta' pagament meta mqabbel mal-baġit tal-2025.

Għalhekk qed jiġi propost li l-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jiġi adattat biex jirrifletti l-eżitu tal-leġiżlazzjoni relatata mar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, kif stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
05 02 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali	0	-1 300 000 000
07 02 01	Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiżiva — Nefqa operazzjonali	0	-100 000 000
Total		0	-1 400 000 000

⁵ COM(2025) 123 u 164, 1.4.2025.

3. KOSTIJET TA' FINANZJAMENT TA' NEXTGENERATIONEU

Fil-kuntest tal-AB 2026, abbażi tal-projezzjonijiet tal-iżborżi u r-rati tal-imgħax ta' NGEU sa tmiem it-tielet trimestru tal-2025, il-Kummissjoni pproponiet ammont totali ta' EUR 8 021,0 miljun għall-kost tas-self ta' NGEU (linja tal-imgħax tal-EURI). Dan il-livell ta' finanzjament irrappreżenta tisħiħ ta' EUR 4 276,4 miljun meta mqabbel mal-ipprogrammar finanzjarju għall-2026.

Mit-30 ta' Settembru 2025, l-iżborżi kollha ta' appoġġ mhux ripagabbli ta' NGEU fit-tielet kwart tal-2025 jammontaw għal total ta' EUR 55,6 biljun, jew EUR 5,5 biljun inqas milli fiż-żmien li ġie stabbilit l-AB 2026. Dan irriżulta f'kostijiet aktar baxxi tal-finanzjament, li ġew parzjalment ikkompensati minn żieda ta' madwar EUR 100 miljun f'kostijiet tal-ġestjoni tal-likwidità (li issa huma stmati li jammontaw għal total ta' EUR 350 miljun).

Il-kost finali stmat tal-finanzjament għall-baġit tal-2026 hija għalhekk ta' EUR 7 970 miljun, jiġifieri ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 4 225,4 miljun lil hinn mill-ipprogrammar finanzjarju għall-2026. Dan l-ammont huwa finali, f'konformità mal-approċċ rivedut li jipprevedi li l-Kummissjoni se tibbaża l-ibbaġitjar tal-linja tal-imgħax tal-EURI fuq il-volum ta' żborżi sa tmiem it-tielet kwart tas-sena ta' qabel. Għalhekk, jipprovdi bażi stabbli għall-applikazzjoni "tal-mekkaniżmu kaskata tal-EURI" sa meta tintbagħat l-ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit.

Il-kost finali għal-linja tal-imgħax b'hekk titnaqqas b'EUR 51 miljun meta mqabbel mal-AB 2026. Il-Kummissjoni tippromponi li tnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament tal-linja ta' imgħax tal-EURI skont dan, kif muri fit-tabella ta' hawn taħt:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet
<i>Taqsimat III – Il-Kummissjoni</i>			
06 04 01	Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi fid-data tal-maturità	-51 000 000	-51 000 000
Total		-51 000 000	-51 000 000

Huwa propost li l-ħtiġijiet ġenerali finali ta' EUR 4 225,4 miljun lil hinn mill-ipprogrammar finanzjarju għall-2026 jiġu ffinanzjati fi proporzjonijiet ugwali, jiġifieri EUR 2 122,7 miljun kull wiehied, mid-disponibbiltajiet eżistenti u mill-istrument tal-EURI kopert minn diżimpenji tal-passat. Biex ikopri l-50 % mid-disponibbiltajiet eżistenti, l-ewwel huwa propost li jintuża l-marġni li jifdal taħt is-sotto-Intestatura 2b ta' EUR 72,8 miljun, ikkomplementat mill-mobilizzazzjoni ta' EUR 2 039,9 miljun taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà. Għalhekk, meta mqabbel mal-AB 2026, ir-rikors kemm għall-Istrument ta' Flessibbiltà kif ukoll għall-istrument tal-EURI jitnaqqas b'EUR 25,5 miljun kull wiehied.

4. IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)

L-IE 1/2026 taġġorna l-istimi għan-nefqa agrikola abbażi tal-aktar data u qafas leġiżlattivi reċenti. Sa Settembru 2025, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha informazzjoni aġġornata dwar il-prospettiva għas-swieq agrikoli kif ukoll ċifri reali għall-bieċa l-kbira tal-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2025 għall-komponent tal-FAEG taħt ġestjoni kondiviża. Dawn huma l-bażi għall-estimi aġġornati tal-ħtiġijiet baġitarji għall-2026.

Minbarra li tqis dawn il-fatturi, l-IE 1/2026 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi fis-settur agrikolu minn meta l-AB 2026 ġie adottat f'Lulju 2025.

Il-ħtiġijiet ġenerali tal-FAEG għall-2026, inkluża r-riżerva agrikola, issa huma stmati għal EUR 41 331,2 miljun⁶. Din hija żieda ta' EUR 426 miljun meta mqabbla mal-AB 2026, li hija dovuta rispettivament għal:

- 1) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 78,9 miljun għar-riżerva għall-agrikoltura għall-miżuri eċċezzjonali adottati fl-2025 u li għalihom in-nefqa se tiġi ddikjarata fis-sena agrikola 2026,
- 2) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 91 miljun għall-miżuri tas-suq u l-interventi tal-Istati Membri skont l-artikoli baġitarji 08 02 02 u 08 02 03. Dan l-ammont jinkludi tisħiħ ta' EUR 105 miljun għall-miżuri ta' promozzjoni u tnaqqis għas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-apikultura ta' EUR 13 miljun u EUR 1 miljun rispettivament;
- 3) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 157 miljun għall-pagamenti diretti, peress li l-livelli ta' eżekuzzjoni fl-2026 huma mistennija li jibqgħu għoljin, skont ix-xejra tal-2025;
- 4) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 98,6 miljun skont l-Artikolu 08 02 06 tal-baġit "Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u verifika", il-konsegwenzi finanzjarji potenzjali tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja oriġinarjament mistennija u bbaġitjati fl-2025, iżda li ġew posposti;
- 5) żieda tas-sussidju tal-FAEG għall-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA) b'EUR 0,5 miljun għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' promozzjoni msemmija fil-punt 2) hawn fuq.

Fl-2025, ġew adottati miżuri eċċezzjonali taħt ir-riżerva għall-agrikoltura għal ammont ta' EUR 177,5 miljun. Minn dawn, EUR 98,6 miljun se jitħallsu fl-2025, filwaqt li EUR 78,9 miljun se jiġu riportati għall-2026 f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Orizzontali tal-PAK⁷. Dan se jżid ir-riżerva agrikola fl-2026 għal EUR 528,9 miljun, filwaqt li jħalli EUR 450 miljun disponibbli għal miżuri ġodda. Ir-riżerva se tiġi ffinanzjata permezz ta' taħlita tal-ammont mhux minfuq tar-riżerva għall-agrikoltura tal-2025 riportat għall-2026 (EUR 356,3 miljun) u approprijazzjonijiet ivvutati addizzjonali tal-FAEG għall-2026 (EUR 172,6 miljun).

Min-naħa l-oħra, l-ammont totali ta' dħul assenjat u approprijazzjonijiet riportati (inkluża r-riżerva għall-agrikoltura) li huma mistennija li jkunu disponibbli fl-2026 se jiżdied minn EUR 440 miljun mistennija fl-AB 2026 għal EUR 1 201,1 miljun. Minbarra r-riport ta' EUR 356,3 miljun tar-riżerva għall-agrikoltura msemmija fil-paragrafu preċedenti, dan is-surplus ta' EUR 761,1 miljun huwa xprunat l-aktar minn dħul assenjat oġġett mill-mistenni mill-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG fl-2025. Għalhekk se jkopri bis-sħiħ il-ħtiġijiet addizzjonali mistennija fl-2026, li jammontaw għal EUR 426 miljun.

Bħala riżultat ta' dawn l-aġġornamenti, l-ammont totali ta' approprijazzjonijiet ta' impenn għall-FAEG huwa ta' EUR 40 130,1 miljun (inklużi EUR 172,6 miljun ta' approprijazzjonijiet ġodda għar-riżerva għall-agrikoltura). Dan iħalli marġni ta' EUR 411,1 miljun taħt is-sottolimitu, nett mit-trasferimenti, disponibbli għall-FAEG ta' EUR 40 541,2 miljun. Bħas-soltu matul is-sena, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-ħtiġijiet għall-FAEG, inkluż għar-riżerva għall-agrikoltura, u se tipproponi soluzzjonijiet baġitarji rilevanti jekk u kif meħtieġ.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjonijiet ta' impenn	Approprijazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
08 01 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija	500 000	500 000
08 02 01	Riżerva għall-agrikoltura	-277 368 619	-277 368 619
08 02 02	Tipi ta' interventi f'ċerti setturi taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	-11 000 000	-11 000 000

⁶ Il-ħtiġijiet totali jinkludu EUR 40 130,1 miljun f'approprijazzjonijiet ġodda flimkien ma' EUR 735 miljun ta' dħul assenjat mistenni li jinġabar fl-2026, EUR 109,8 miljun ta' surplus tal-2025 u EUR 356,3 miljun f'riport tar-riżerva agrikola.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj>.

08 02 03	Nefqa relatata mas-suq barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	102 000 000	-3 000 000
08 02 04	Tipi ta' interventi b'pagamenti diretti permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	-247 821 370	-247 821 370
08 02 06	Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar	98 550 000	98 550 000
Total		-335 139 989	-440 139 989

5. AĠĠORNAMENT TAL-FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR SAJD SOSTENIBBLI

Il-Kummissjoni eżaminat l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli (SFPAs) u rrieżaminat il-ħtiġijiet mistennija għall-2026 abbażi tal-iżviluppi fin-negozjati mal-pajjiżi terzi involuti, kif previst fil-punt C tal-Parti II tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA)⁸. Abbażi ta' dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tippromovi trasferiment ta' EUR 2,0 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mir-riżerva għal-linja operazzjonali ewlenija SFPA. Dan it-trasferiment newtrali għall-baġit huwa relatat ma' protokollu ġodda mal-Kosta tal-Avorju, São Tomé u Príncipe u l-Gżejjer Cook.

Bl-aġġustament propost, l-appropriazzjonijiet ta' impenn totali disponibbli għall-SFPAs se jammontaw għal EUR 114,2 miljun fir-riżerva u EUR 39,7 miljun fuq il-linja operattiva ewlenija. Fir-rigward ta' appropriazzjonijiet ta' pagament, l-ammont totali ta' EUR 130,4 miljun se jinkludi ammont ta' EUR 85,9 miljun fil-forma ta' riżerva.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimat III – Il-Kummissjoni</i>			
08 05 01	Stabiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	2 025 000	2 025 000
30 02 02	Appropriazzjonijiet differenzjati (<i>Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01</i>)	-2 025 000	-2 025 000
Total		0	0

6. L-AĠENZJA EŻEKUTTIVA EWROPEA DIĠITALI U TAS-SAĦĦA (HADEA)

Il-pjan ta' stabbiliment tal-HaDEA huwa propost li jissaħħaħ b'kariga waħda fl-2026. Dan se jiżgura li l-Aġenzja tkun tista' twettaq il-kompiti addizzjonali li ġew iddelegati lilha skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika. L-Aġenzja se tkun tista' tiffinanzja l-kostijiet relatati għall-2026 fil-baġit tagħha kif propost fl-AB 2026, u għalhekk dan ma jeħtieġx appropriazzjonijiet addizzjonali.

Il-bidliet relatati fit-tabella tal-persunal huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

7. IT-TISĦIĦ TAL-LINJA TAL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA (UEM) Għall-ADOZZJONI TAL-EURO MILL-BULGARIJA

Il-Bulgarija se tingħaqad maż-żona tal-euro fl-1 ta' Jannar 2026. Dan isegwi r-Rapport ta' Konverġenza pożittiv tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Ġunju, ikkonfermat mill-opinjoni tal-Parlament Ewropew u d-deċiżjoni finali tal-Kunsill ECOFIN tat-8 ta' Lulju.

Bħal fil-każ tal-bidliet preċedenti għall-euro, u f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni ffirmat bejn il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija fit-12 ta' April 2024, il-Kummissjoni se tikkofinanzja l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Bulgarija, sa massimu ta' 50% tal-kostijiet. Il-kostijiet totali jikkorrispondu għal EUR 1 għal kull resident.

Biex jiġi previst il-kofinanzjament tal-UE, fil-Baġit Emendatorju 2/2025 intalab tisħiħ ta' EUR 3,3 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 1 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament biex jiġi kopert il-prefinanzjament tal-2025, iffinanzjat permezz ta' mobilizzazzjoni ekwivalenti tal-Istrument

⁸ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj).

ta' Flessibbiltà. Biex jiġi eżegwit il-pagament finali (li jikkorrispondi għal 70 % tal-ammont tal-Ftehim ta' Għotja mal-Bulgarija) qed jintalbu EUR 2,3 miljun addizzjonali f'appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2026. F'konformità mal-mobilizzazzjoni fil-Baġit Emendatorju 2/2025, dan l-ammont huwa ffinanzjat permezz ta' mobilizzazzjoni ekwivalenti tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
06 20 04 01	Koordinazzjoni u sorveljanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetaria inkluż l-euro, u komunikazzjoni dwarha	0	2 334 500
Total		0	2 334 500

8. IL-ĦOLQIEN TAN-NOMENKLATURA BAĠITARJA RELATATA MAL-POSSIBBILTÀ TA' TRASFERIMENTI MILL-FOND SOĠJALI GĦALL-KLIMA (SCF) GĦALL-FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR), IL-FOND SOĠJALI EWROPEW PLUS (FSE+), IL-FOND TA' KOEŻJONI (FK), IL-FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTF) U L-FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJET MARITTIMI, IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA (FEMSA)

Huwa propost aġġustament tan-nomenklatura baġitarja, li jippermetti l-possibbiltà li jiġu ttrasferiti riżorsi mill-Fond Soċjali għall-Klima (SCF) għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA). Għaldaqstant, għandhom jinħolqu l-linji baġitarji l-ġodda li ġejjin stabbiliti hawn taħt:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
09 05 02	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali għall-Klima (SCF)	p.m.	p.m.
09 05 03	Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) — Kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali għall-Klima (SCF)	p.m.	p.m.
09 05 04	Fond ta' Koeżjoni (FK) — Kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali għall-Klima (SCF)	p.m.	p.m.
09 05 05	Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali għall-Klima (SCF)	p.m.	p.m.
09 05 06	Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) — Kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali għall-Klima (SCF)	p.m.	p.m.
Total		0	0

Ir-rimarki baġitarji korrispondenti huma pprovduti fl-anness baġitarju.

9. AĠĠUSTAMENTI GĦALL-AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

9.1 *Tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)*

Il-Ftehim proviżorju tal-koleġislaturi dwar il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija jirrikjedi żieda fir-riżorsi tal-EEA bl-ekwivalenti ta' aġent kuntrattwali addizzjonali mill-2026 'il quddiem. Il-Ftehim jipprovdi wkoll baġit addizzjonali għall-akkwist biex jiġi żviluppat prodott ġdid ta' Copernicus dwar it-tneħħija tal-ħamrija, biex jiġi mmonitorjat l-issiġillar tal-ħamrija u tiġi integrata d-data fil-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija. Il-Ftehim kien jeħtieġ revizzjoni tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva li setgħet tinħareġ biss f'Mejju, u minħabba l-iskeda ta' żmien tal-produzzjoni, kien tard wisq biex jiġi inkluż fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Abbozz tal-Baġit 2026. Għalhekk issa qed jiġi propost li tiġi inkluża ż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u appropriazzjonijiet ta' pagament għaż-ŻEE b'EUR 0,3 miljun fl-2026. Huwa propost li dan l-ammont jiġi kkumpensat bis-sħiħ mill-programm LIFE.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
09 10 02	L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	296 135	296 135
09 02 01	In-natura u l-bijodiversità	-296 135	-296 135
Total		0	0

9.2 Ritorn minn riżerva għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi ambjentali u konvenzjonijiet internazzjonali (ECHA — ENV)

Ir-riżerva maħluqa għar-Regolament dwar l-attribuzzjoni mill-ġdid tal-kompiti għall-ECHA-ENV hija proposta li titnaqqas b'EUR 1 miljun fl-2026, minħabba dewmien fin-negozjati leġislattivi. Huwa propost li l-appropriazzjonijiet korrispondenti jiġu rritornati lill-programm LIFE.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Appropriazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 01)	-1 000 000	-1 000 000
09 02 02	L-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja	1 000 000	1 000 000
Total		0	0

9.3 It-tisħiħ għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)

Il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) b'EUR 0,5 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u appropriazzjonijiet ta' pagament, biex tiżgura l-funzjonalità sħiħa tas-soluzzjoni l-ġdida tal-IT ipprovduta mill-Kummissjoni wara l-attakk ċibernetiku fl-2024, kif ukoll biex ittejjeb iċ-ċibersigurtà fl-Aġenzija.

It-tisħiħ huwa propost li jiġi ffinanzjat permezz ta' tnaqqis ekwivalenti fl-appropriazzjonijiet tal-Fond għas-Sigurtà Interna.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
12 02 01	Il-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF)	-500 000	-500 000
12 10 02	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL)	500 000	500 000
Total		0	0

10. KORREZZJONIJET TEKNIĊI RELATATI MAL-KONTROLLUR EWROPEW Għall-PROTEZZJONI TAD-DATA

L-aġġustamenti tekniċi li ġejjin għandhom jiġu implimentati, relatati mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fl-Intestatura 7:

- Fl-AB 2026, il-Kummissjoni żammet persunal stabbli għall-istituzzjonijiet kollha, li rriżulta fi tnaqqis fit-talbiet tal-istituzzjonijiet għal remunerazzjoni u allowances. Għall-kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), it-tnaqqis fil-baġit tar-remunerazzjoni u tal-allowances ġie applikat esklużivament għal-linja baġitarja tal-KEPD. Madankollu, dan l-aġġustament kellu jiġi applikat għal-linji baġitarji kemm għall-EDPS kif ukoll għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), kif inizzjalment maħsub mill-EDPS fit-talba addizzjonali tagħhom għall-persunal fl-AB 2026. B'riżultat ta' dan, il-linji tal-EDPB jitnaqqsu b'EUR 593 104 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, b'żieda korrispondenti fil-linji tal-EDPS.
- Barra minn hekk, l-EDPS talab korrezzjoni teknika bejn il-linji baġitarji 3 0 4 1 (Spejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni) u 3 0 4 7 (Nefqa operattiva oħra), li b'dan qed tiġi implimentata.

Iż-żewġ aġġustamenti għandhom impatt baġitarju newtrali, u huma riflessi fit-tabella ta' hawn taħt:

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsim IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data</i>			
1 1 0 0	Remunerazzjoni u allowances	519 000	519 000
1 1 1 0	Persunal bil-Kuntratt	74 104	74 104
3 0 1 0	Remunerazzjoni u allowances	-519 000	-519 000
3 0 2 0	Persunal bil-Kuntratt	-74 104	-74 104
3 0 4 1	Spejjeż ta' traduzzjoni u interpretazzjoni	-59 126	-59 126
3 0 4 7	Spejjeż operattivi oħra	59 126	59 126
Total		0	0

11. FINANZJAMENT

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-AL 1/2026 fuq in-nefqa fl-AB 2026 huwa tnaqqis ta' EUR 386,1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 1 888,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

It-tnaqqis ta' EUR 51 miljun fil-ħtiġijiet addizzjonali lil hinn mill-ipprogrammar finanzjarju għal-linja tal-EURI fl-2026 jirriżulta fi tnaqqis fil-mobilizzazzjoni kemm tal-Istrument ta' Flessibbiltà kif ukoll tal-Istrument EURI f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ta' EUR 25,5 miljun kull wieħed.

Il-bidliet fil-linja tal-UEM u l-mobilizzazzjoni preċedenti tal-Istrument ta' Flessibbiltà fil-Baġit Emendatorju 2/2025 jirriżultaw f'żieda fil-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà ta' EUR 2,3 miljun għall-approprijazzjonijiet ta' pagament. L-impatt nett fl-IE 1/2026 huwa għalhekk tnaqqis fil-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà ta' EUR 23.2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

L-approprijazzjonijiet ta' pagament tal-2026 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà fis-snin 2023 sal-2026 huma stmati għal EUR 2 443,6 miljun, fi prezzijiet kurrenti. L-iskeda ta' pagamenti stmati tal-ammonti pendenti relatati għal dawn is-snin hija dettaljata fit-tabella li ġejja:

<i>Strumenti ta' Flessibbiltà - profil ta' pagament (f'miljuni ta' EUR)</i>				
<i>Sena ta' mobilizzazzjoni</i>	2026	2027	Lil hinn mill-QFP	Total
2023	83,2	0,0	0,0	83,2
2024	83,7	46,3	0,0	129,9
2025	15,8	9,4	5,7	30,9
2026	2 260,9	0,0	0,0	2 260,9
Total	2 443,6	55,7	5,7	2 540,9

12. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

		Abbozz tal-Baġit tal-2026		Ittra Emendatorja 1 (IE 1) għall- Abbozz tal-Baġit 2026		Abbozz tal-Baġit 2026 inkl. IE 1	
		AI	AP	AI	AP	AI	AP
1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	22 054 411 197	23 309 360 126			22 054 411 197	23 309 360 126
	<i>Limitu massimu</i>	22 210 000 000				22 210 000 000	
	<i>Marġini</i>	155 588 803				155 588 803	
2	Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	71 726 138 425	74 617 397 666	-51 000 000	-1 448 665 500	71 675 138 425	73 168 732 166
	<i>Limitu massimu</i>	67 523 000 000				67 523 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	2 065 413 428		-25 500 000		2 039 913 428	
	<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	2 138 223 000		-25 500 000		2 112 723 000	
	<i>Marġini</i>	498 003				498 003	
2a.	Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	56 592 501 997	59 697 735 625		-1 400 000 000	56 592 501 997	58 297 735 625
	<i>Limitu massimu</i>	56 593 000 000				56 593 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
	<i>Marġini</i>	498 003				498 003	
2b.	Reżiljenza u valuri	15 133 636 428	14 919 662 041	-51 000 000	-48 665 500	15 082 636 428	14 870 996 541
	<i>Limitu massimu</i>	10 930 000 000				10 930 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	2 065 413 428		-25 500 000		2 039 913 428	
	<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	2 138 223 000		-25 500 000		2 112 723 000	
	<i>Marġini</i>						
3	Riżorsi Naturali u Ambjent	56 971 882 355	53 133 437 506	-335 139 989	-440 139 989	56 636 742 366	52 693 297 517
	<i>Limitu massimu</i>	57 100 000 000				57 100 000 000	
	<i>Marġini</i>	128 117 645		335 139 989		463 257 634	
	Li minnhom: Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	40 465 226 756	40 517 034 090	-335 139 989	-440 139 989	40 130 086 767	40 076 894 101
	<i>Sublimitu tal-FAEG</i>	41 764 000 000				41 764 000 000	
	<i>Differenza dovuta għall-ittondjar eskluża mill-kalkolu tal-marġni</i>	773 000				773 000	
	<i>Trasferimenti netti bejn l-FAEG u l-FAEŻR</i>	-1 222 773 000				-1 222 773 000	
	<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG</i>	40 541 227 000				40 541 227 000	
	<i>Sublimitu aġġustat tal-FAEG ikkoreġut bi trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR</i>	40 542 000 000				40 542 000 000	
	<i>Submargni tal-FAEG</i>	76 773 244		335 139 989		411 913 233	
	<i>Submargni tal-FAEG (eskluża d-differenza tal-ittondjar)</i>	76 000 244		335 139 989		411 140 233	
4	Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri	5 010 000 515	3 886 530 129			5 010 000 515	3 886 530 129
	<i>Limitu massimu</i>	5 103 000 000				5 103 000 000	
	<i>Marġini</i>	92 999 485				92 999 485	
5	Sigurtà u Difiża	2 803 506 939	2 250 800 408			2 803 506 939	2 250 800 408
	<i>Limitu massimu</i>	2 810 000 000				2 810 000 000	

	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>					
	<i>Marġini</i>	6 493 061			6 493 061	
6	Il-Viċinat u d-Dinja	15 505 020 092	16 511 670 072		15 505 020 092	16 511 670 072
	<i>Limitu massimu</i>	15 614 000 000			15 614 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>					
	<i>Marġini</i>	108 979 908			108 979 908	
7	Amministrazzjoni Pubblika Ewropea	13 475 160 508	13 475 160 508		13 475 160 508	13 475 160 508
	<i>Limitu massimu</i>	12 506 000 000			12 506 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	220 957 069				
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	748 203 439			748 203 439	
	<i>Marġini</i>					
	li minnhom: Nefqa amministrattiva istituzzjonijiet tal-	10 127 840 831	10 127 840 831		10 127 840 831	10 127 840 831
	<i>Sottolimitu</i>	9 464 000 000			9 464 000 000	
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>					
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	663 840 831			663 840 831	
	<i>Submargni</i>					
	Appropriazzjonijiet għal intestaturi	187 546 120 031	187 184 356 415	-386 139 989	- 1 888 805 489	187 159 980 042
	<i>Limitu massimu</i>	182 866 000 000	201 170 000 000			182 866 000 000
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	2 286 370 497	2 466 761 755	-25 500 000	-23 165 000	2 260 870 497
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku 11(1)(a)</i>	748 203 439				748 203 439
	<i>Li minnhom taħt l-EURI</i>	2 138 223 000	2 138 223 000	-25 500 000	-25 500 000	2 112 723 000
	<i>Marġini</i>	492 676 905	18 590 628 340	335 139 989	1 840 140 489	827 816 894
	Strumenti speċjali tematiċi	5 715 921 020	5 022 549 248			5 715 921 020
	Appropriazzjonijiet totali	193 262 041 051	192 206 905 663	-386 139 989	-1 888 805 489	192 875 901 062
						190 318 100 174